*IEQAF u AĦSEB*

## Pariri għall-Ħajja, speċjalment biex tgħix ir-Randan

| | | |
|---|---|---|
| Ċedi t-tgergir | – | tgħallem għid grazzi; |
| Ċedi l-pessimiżmu | – | tgħallem kun ottimist; |
| Ċedi l-ġudizzji iebsin | – | tgħallem aħseb b'mod ġeneruż; |
| Ċedi l-inkwiet | – | tgħallem afda fil-Providenza ta' Alla; |
| Ċedi l-qtiegħ ta' qalb | – | tgħallem kun mimli tama; |
| Ċedi d-diżappunti | – | tgħallem ipprattika l-maħfra; |
| Ċedi l-mibegħda | – | tgħallem patti l-ħażin bit-tajjeb; |
| Ċedi n-negattiv | – | tgħallem kun pożittiv; |
| Ċedi r-ragħbja | – | tgħallem kun paċenzjuż; |
| Ċedi l-iskużi | – | tgħallem kun matur; |
| Ċedi l-burdati ħżiena | – | tgħallem ħu gost bis-sbuħija ta' madwarek; |
| Ċedi l-għira | – | tgħallem itlob il-fiduċja; |
| Ċedi l-għidut fuq in-nies | – | tgħallem ikkontrolla l-ilsien; |
| Ċedi d-dnub | – | tgħallem għix il-virtù; |
| Ċedi l-fallimenti | – | tgħallem żomm sod! |

Ħu ħsieb ħsibijietek, għax dawn isiru kliem;
Ħu ħsieb kliemek, għax dawn isiru azzjonijiet;
Ħu ħsieb l-azzjonijiet tiegħek, għax dawn isiru drawwiet;
Ħu ħsieb drawwietek, għax dawn isiru karattru;
Ħu ħsieb il-karattru tiegħek, għax dan isir ħajtek!

*Frank Outlaw*



Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL-SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IL-VOKAZZJONI RELIĠJUŻA
### NOSTALĠIJA GĦALL-PASSAT jew SFIDA GĦALL-FUTUR?

Fenomenu li għexna matul dawn l-aħħar xhur hu li rajna diversi sorijiet joħorġu mill-kunventi tagħhom biex jieħdu sehem fi programmi televiżivi, jew aħjar f'kompetizzjonijiet tal-kant, u pjuttost għamlu suċċess ukoll:

- Suor Cristina Scuccia, 25 sena minn Sqallija li tgħix Milan bħala Soru Ursolina tas-Sagra Familja, li ħadet sehem u saħansitra rebħet *The Voice of Italy 2014*.

- Is-Sorijiet Ursolini: Sor Magdalene, Sor Michaela, Sor Monica, Sor Rita, Sor Claudia u Sor Denise li flimkien iffurmaw il-grupp *Ekklesia Sisters* u wasslu fil-finali tal-*Malta Eurovision Song Contest 2015* bid-diska *"Love and Let Go"*.

Heq, x'naqbdu ngħidu? Min qal li aħjar is-sorijiet ma jħarbtux l-opportunitajiet ta' ħaddieħor, iżda jżommu posthom u jieħdu ħsieb jibqgħu jitolbu u jgħinnu lin-nies fil-bżonn, u min qal li hekk il-vokazzjoni tagħhom tagħmel iżjed sens għax jaqsmu it-talenti tagħhom u allura jiġbdu aktar nies. Fehmiet, opinjonijiet kemm trid! Imma jien minn dan kollu xtaqt nieħu l-ispunt biex naqsam magħkom ftit riflessjonijiet dwar il-Vokazzjoni, speċjalment dik għall-Ħajja Reliġjuża li għaliha huma msejjħin il-patrijiet u s-sorijiet, u li matul din is-sena l-Papa qed jistedinna biex nirriflettu dwarha.

**Ho un dono e ve lo dono** -
***Għandi rigal u rrid nirregalahulkom***

Sr Christina qalet dan il-kliem meta staqsewha x'fetlilha tidħol għall-kompetizzjoni ta' *The Voice of Italy* – risposta ċara u qawwija: *"Għandi rigal u rrid nirregalahulkom."* Personalment inħoss li din it-tweġiba tispjega mhux biss ir-raġuni ta' għaliex sabet ruħha fil-kompetizzjoni, imma pjuttost tal-vokazzjoni kollha kemm hi, li hi stess qed tgħix bħala mara reliġjuża.

L-ewwelnett qed tgawdi mis-sejħa għad-don u l-misteru li Alla jagħmel lil dawk li jsejjaħ għalih: li tifraħ għax imsejħa biex tkun maħbuba minnU, għax imsejħa u mqawwija biex tkun kapaċi tħobbU, u għax imsejħa biex tingħata għaliH u hekk tkun tiegħU u sserviH. Dan hu r-rigal tal-kuraġġ li wieħed ma jibżax, anzi jitgħallem u jsir jaf iħobb lil Alla.

*ikompli f'paġna 2*

*ikompli minn paġna 1*

Fi kliem il-Papa Franġisku: "*Meta jsejjaħlek, il-Mulej jgħidlek: 'Int importanti għalija, inħobbok, norbot fuqek.' Ġesù jgħid dan il-kliem lil kull wieħed u waħda minna! Il-ferħ minn hemm jitwieled! Il-ferħ tal-mument li fih Ġesù ħares lejja. Li nifhmu u nisimgħu dan, huwa s-sigriet tal-ferħ tagħna. Li nħossuna maħbuba minn Alla, li nħossu li għalih maħniex numri, imma persuni; li nħossu li huwa Hu li jsejħilna.*" ... "*Mhux intom għażiltu lili, imma Jien għażilt lilkom*" (Ġw 15:16). Dawn il-kelmiet ifakkruna li l-vokazzjoni hija dejjem inizjattiva t'Alla: huwa Kristu li jsejjaħ biex wieħed jimxi warajh fil-ħajja kkonsagrata u dan ifisser li kontinwament irid isir 'esodu' mill-jien tiegħu biex wieħed jiċċentra ħajtu fuq Kristu u l-Vanġelu tiegħU, fuq ir-rieda t'Alla, biex bħal San Pawl jistqarr: "*Ngħix, iżda mhux jien li ngħix, iżda jgħix fija Kristu*" (Gal 2:20). Il-vokazzjoni mhijiex li wieħed jarmi lilu innifsu, imma pjuttost li joħroġ minnu innifsu u jiskopri s-sbuħija tiegħu nnifsu fid-dawl ta' Alla.

***Ferħ li jwassal il-Faraġ lil kulħadd***

It-tieni aspett hu li b'dak kollu li hi, l-persuna ikkonsagrata għall-ħajja reliġuża għandu jkollha il-qawwa u l-kuraġġ li tagħti "*xhieda tal-ħniena u l-ħlewwa tal-Mulej li jsaħħnu l-qalb, ikebbsu t-tama mill-ġdid u jiġbdu lill-bnedmin lejn it-tajjeb. X'ferħ hu dak li twassal il-faraġ lill-oħrajn!*" Il-Papa jafda din il-missjoni f'idejn irġiel u nisa kkonsagrati: li jiskopru lill-Mulej li jfarraġ bħalma tfarraġ omm, u li jfarrġu l-poplu t'Alla ħalli hekk iwasslu t-tagħniqa t'Alla.

Forsi meta nħarsu madwarna dawn il-karatteristiċi narawhom ideali wisq għoljin anke għax ninnutaw li s-sorijiet u l-patrijiet kbar fl-età donnu tilfu l-entużjażmu għax qed jikkumbattu mal-ħajja għal saħħithom, u meta nħarsu lejn is-sorijiet u l-patrijiet żgħażagħ ninnutaw li naqsu wisq fin-numru u nirraġunaw li l-ħeġġa tagħhom tkun biss waħda tal-bidu, frott l-eċitament żejjed. Jista' jkun ukoll li l-limitazzjonijiet u l-iżbalji tagħhom itappnu l-kredibiltà tagħhom u għaldaqstant nagħżlu li ninjorawhom.

Biss bħala Kappillan, b'mod speċjali matul dan ix-xahar fejn niċċelebraw Jum il-Ħajja Kkonsagrata, nixtieq li nmorru ftit kontra dak li jċajpar il-qawwa ta' din it-tip ta' vokazzjoni u nagħrfu napprezzaw aktar din il-ħajja: ejjew nibqgħu nitkellmu fuqha, nxandruha u nippromovuha fi ħdan il-familji tagħna. It-tieni ħaġa li nixtieq hi li niġu aktar konxji u napprezzaw aktar lil min qed iħaddanha: fil-każ tagħna infakkar li apparti l-4 Sorijiet tal-Ordni Dumnikan f'Ħal Safi, għandna wkoll 8 Sorijiet Ħalsafin f'ordnijiet / kongregazzjonijiet differenti li jinsabu kemm f'pajjiżna u kemm lil hinn minn xtutna. Waqt li niftakru fihom fit-talb u f'kull għajnuna li nistgħu noffru, ejjew naraw x'nivvintaw biex insaħħu l-kuntatt magħhom u s-sapport għalihom! Ingawduhom bħala don u nirċievu permezz tagħhom il-grazzji ta' Alla.

***Dun David Farrugia***





# Id-Djarju tal-Parroċċa
# Frar 2015

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' Frar | **Jum il-Ħajja** |
| It-Tnejn 2 ta' Frar | **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju**<br>Jum ir-Reliġjużi u l-Membri tal-Ħajja Kkonsagrata. |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Frar | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| It-Tlieta 10 ta' Frar | **Solennità tan-Nawrfraġju f'pajjiżna ta' San Pawl Appostlu**<br>Obbligu li nqaddsu dan il-jum tal-quddiesa.<br>Il-ħin tal-Quddies jkun bħal nhar ta' Ħadd. |
| L-Erbgħa 11 ta' Frar | L-Ewwel Dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes - Jum il-Morda |
| L-Erbgħa 18 ta' Frar | **L-Erbgħa tal-Irmied – Jibda r-Randan**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa bit-tqegħid tal-Irmied. |
| Il-Ħadd 22 ta' Frar | **L-Ewwel Ħadd tar-Randan** |
| Il-Ħamis 26 ta' Frar | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Julian Frank Cachia